Kunsill
tal-Unjoni Ewropea

**Brussell, 15 ta’ Novembru 2017**
**(OR. en)**

**13249/17**
**ADD 1 REV 1**

**Fajl Interistituzzjonali:**
**2016/0230 (COD)**

**CLIMA 280**
**ENV 848**
**AGRI 553**
**FORETS 44**
**ONU 136**
**CODEC 1600**

**EŻITU TAL-PROĊEDIMENTI**

| | |
|---|---|
| minn: | Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill |
| lil: | Delegazzjonijiet |
| Nru. dok. preċ.: | 12829/17 |
| Nru dok. Cion: | 11494/16 - COM(2016) 479 final |
| Suġġett: | Proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar l-inklużjoni tal-emissjonijiet u l-assorbimenti ta’ gassijiet serra minn użu tal-art, tibdil fl-użu tal-art u l-forestrija fil-qafas ta’ politika għall-klima u l-enerġija għall-2030 u li jemenda r-Regolament Nru 525/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar mekkaniżmu għall-monitoraġġ u r-rapportar ta’ emissjonijiet ta’ gassijiet serra u ta' informazzjoni oħra relatata mat-tibdil fil-klima<br>- Approċċ ġenerali<br>= Dikjarazzjonijiet |

Id-delegazzjonijiet isibu mehmużin id-dikjarazzjonijiet mill-Kroazja, il-Polonja, il-Finlandja u l-Kummissjoni rigward l-approċċ ġenerali adottat mill-Kunsill (Ambjent) fit-13 ta' Ottubru 2017. Id-dikjarazzjonijiet ser jiddaħħlu fil-minuti tal-laqgħa tal-Kunsill.

**KROAZJA**

"Minkejja li l-aħħar verżjoni tal-abbozz tar-Regolament LULUCF parzjalment tinkorpora l-emendi tal-Kroazja li jikkonfermaw iċ-ċirkostanzi speċifiċi fir-Repubblika tal-Kroazja minħabba l-ġrajjiet ta' żmien il-gwerra fid-disgħinijiet, ċirkostanzi li kellhom u għad għandhom impatt dirett fuq il-ġestjoni tal-foresti, ir-Repubblika tal-Kroazja tqis li hu meħtieġ li l-abbozz tar-Regolament ikompli jiġi rfinat bil-ħsieb li jitqiesu l-ispeċifiċitajiet individwali, primarjament fit-taqsima marbuta mal-ammonti ta' kumpens fl-Anness VII.

Peress li r-Repubblika tal-Kroazja hija pajjiż għani fiż-żoni ta' foresti (b'mhux inqas minn 43 % mill-art kollha tiegħu), it-test propost tal-approċċ ġenerali għar-Regolament LULUCF, u speċifikament il-flessibbiltà proposta ta' 9.6 $MtCO_2$-eq għall-perijodu 2021-2030 flimkien mal-fattur ta' kumpens propost ta' 12 %, iqiegħduha f'pożizzjoni li fiha tista' tiġi ppenalizzata inġustament. Dan ifisser ukoll li l-industrija u l-ekonomija ser ikollhom jikkumpensaw għal emissjonijiet mis-settur LULUCF, anke jekk dan tal-aħħar fil-fatt ser jospita bjar sal-2030.

Il-valutazzjonijiet reċenti mill-esperti juru li r-Repubblika tal-Kroazja teħtieġ aktar kumpens (fattur ta' kumpens ta' 32 %), jiġifieri limitu ta' kumpens annwali ta' 2.5 miljun tunnellata. Dawk il-valutazzjonijiet iqisu l-fatt li l-perijodu ta' referenza (2000-2009) ma kienx rappreżentattiv għar-Repubblika tal-Kroazja għax l-intensità tal-ħsad kienet relattivament baxxa u anqas mil-livell ottimu, minħabba l-gwerra fil-pajjiż u l-mini mqiegħda f'żoni ta' foresti. Konsegwentement, hemm pjanijiet biex tiżdied l-intensità tal-ħsad fir-Repubblika tal-Kroazja, filwaqt li tkun meħtieġa l-kontinwità tal-ġestjoni sostenibbli tal-foresti u ż-żamma b'mod permanenti tal-bjar ta' $CO_2$.

Fid-dawl ta' dan ta' hawn fuq, ir-Repubblika tal-Kroazja għadha tqis li hu meħtieġ li jiżdied l-ammont ta' kumpens definit għaliha fl-Anness VII, u ma tistax tappoġġa l-adozzjoni tal-approċċ ġenerali."

**IL-POLONJA**

"Il-boskijiet u l-ħamrija huma l-akbar riżervi tal-karbonju fid-dinja. Id-degradazzjoni tal-foresti u tal-ħamrija għandha impatt negattiv fuq il-kwalità tal-ilma u l-aċċess għalih, kif ukoll fuq il-bijodiversità, u din taggrava l-problemi globali bħall-ġuħ, il-faqar u l-migrazzjoni. Il-limitazzjoni jew saħansitra l-eradikazzjoni ta' dawn il-problemi minn wiċċ id-dinja hija waħda mill-komponenti tal-Ftehim ta' Pariġi. Irridu ntejbu l-kwalità tal-ilma u nipproteġu l-bijodiversità l-ewwel u qabel kollox permezz tar-riġenerazzjoni tas-sistemi naturali bħalma huma l-foresti u l-ħamrija. Il-ħsad tas-siġar li jsir bil-ħsieb tar-riġenerazzjoni tas-sistemi naturali jtejjeb il-kundizzjonijiet ambjentali, jipproteġi l-bijodiversità u joħloq l-impjiegi, inkluż fiż-żoni rurali.

Għalhekk, il-Polonja tixtieq tleħħen it-tħassib tagħha rigward l-abbozz ta' Regolament propost u tesprimi d-**diżappunt kbir li għandha minħabba l-livell ta' kumplessità tal-proposti l-ġodda fit-test tad-dokument adottat bħala approċċ ġenerali fil-laqgħa tal-Kunsill Ambjent fit-13 ta' Ottubru 2017**. **Il-formulazzjoni tat-test maqbul ma jinftehimx mill-qarrej ġenerali**. **Aħna nemmnu li rridu nsibu soluzzjoni trasparenti u li tinftiehem** li hija aċċettabbli globalment. Id-dokument prodott ser jiġi ppreżentat fil-forum tal-Konvenzjoni dwar it-Tibdil fil-Klima. Il-livell referenzjarju propost għall-art forestali ġestita huwa parti mill-kontribut determinat fil-livell nazzjonali (NDC) tal-Unjoni skont il-Ftehim ta' Pariġi, u jrid ikun metodu li miegħu jistgħu jaqblu l-Partijiet l-oħra. Barra minn hekk, irridu niżguraw li s-soluzzjoni proposta ma tiġġenerax aktar burokrazija żejda, u ma tinjorax il-progress fix-xjenza u l-edukazzjoni. L-UE trid tagħti eżempju f'dan ir-rigward lill-pajjiżi li qed jiżviluppaw.

Il-leġislazzjoni proposta ma tqisx kif xieraq il-fatt li l-**ekosistemi tal-foresti huma l-akbar bjar ta' karbonju fl-Ewropa, u l-iktar importanti.** L-Istati Membri jipprattikaw il-ġestjoni sostenibbli tal-foresti, b'assorbiment nett annwali ta' 440 Mt $CO_{2eq}$. **Il-proposta leġislattiva ma fihiex inċentiv biex l-Istati Membri jieħdu azzjoni li tkun tista' twassal għall-professjonalizzazzjoni tal-ġestjoni tal-foresti sabiex tingħata spinta lill-potenzjal ta' mitigazzjoni tal-foresti u jittieħed kont tal-karbonju organiku fil-ħamrija tal-foresti.** Din il-proposta ma tagħmel ebda referenza għall-possibbiltà li jiżdied l-ammont ta' assorbiment mill-foresti bħala riżultat ta' aktar attivitajiet ta' ġestjoni tal-foresti, pereżempju li jiġu kkonvertiti l-formazzjonijiet tal-foresti, tingħata spinta lill-formazzjonijiet naturali tal-foresti, u jiġu regolati l-perijodi ta' rotazzjoni tal-formazzjonijiet maturi tal-foresti. **Barra minn hekk, għandna nevitaw li noħolqu regoli kontabilistiċi li jiġġeneraw id-debiti meta l-previżjoni għall-istokkijiet tal-bijomassa forestali sal-2030 qed jikbru u jikkostitwixxu bir sinifikanti.**

L-introduzzjoni tar-regola "ebda debitu" tal-Unjoni wkoll tqajjem tħassib. Din hija regola ġdida li mhix vinkolanti taħt il-Protokoll ta' Kjoto u li ġiet introdotta fil-livell tal-Unjoni. L-ewwel nett, din ir-regola taħdem fuq il-bażi tal-Artikolu 4 tal-abbozz ta' Regolament, li jobbliga lill-Istati Membri biex jiżguraw li ma jkollhomx emissjonijiet netti fis-settur LULUCF. It-tieni, dik l-idea toħloq preċedent inkwetanti billi tistabbilixxi mira għall-UE. Din tista' tinfluwenza b'mod qawwi l-mod li bih jiġu ġestiti l-foresti fl-Istati Membri individwali. Aħna nenfasizzaw b'mod qawwi li l-forestrija hija r-responsabbiltà tal-Istati Membri, u għaldaqstant l-istabbiliment ta' mira tal-Unjoni jdgħajjef dawk is-setgħat. It-tielet nett, il-ġestjoni sostenibbli tal-foresti hija valur awtonomu fiha nfisha, u m'għandhiex tkun dipendenti fuq l-azzjonijiet ta' pajjiżi ġirien. L-Istati Membri li jissodisfaw l-obbligi tal-Artikolu 4 tar-Regolament u jipprattikaw il-ġestjoni sostenibbli tal-foresti m'għandhomx ikunu penalizzati talli jikkonformaw mal-obbligi imposti fuqhom. L-Istati Membri jingħataw kumpens abbażi ta' perijodu magħżul b'mod arbitrarju għal-livell referenzjarju għall-art forestali ġestita; għaldaqstant l-Istati Membri kollha għandhom ikunu intitolati li jirrikorru għal kumpens jekk jinqala' l-bżonn. Ir-raba', l-Istati Membri mhux ser ikunu jafu jekk humiex intitolati jużaw il-kumpens tagħhom sakemm ikun kważi intemm il-perijodu kontabilistiku, u b'hekk ikun impossibbli li dawn jagħmlu xi ppjanar strateġiku sinifikanti, minħabba l-inċertezza dwar jekk humiex ser jilħqu l-mira tal-UE.

Nixtiequ niddikjaraw ukoll il-pożizzjoni tagħna dwar il-livell referenzjarju għall-art forestali ġestita u nippreżentaw l-interpretazzjoni tagħna ta' kif għandu jiġi stabbilit il-livell u liema fatturi għandhom jitqiesu meta dan jiġi definit.

Fil-fehma tagħna, **il-livell referenzjarju għall-art forestali ġestita għal snin speċifiċi għandu jkun skont il-mudell naturali tal-iżvilupp tar-riżorsi forestali; għandu jieħu kont tal-ħtieġa li jiżdied il-potenzjal ta' tkabbir tal-foresti, kif ukoll tal-istruttura attwali u prevista tal-klassi tal-età tal-formazzjonijiet tal-foresti fi Stat Membru partikolari.**

Nenfasizzaw li l-livell referenzjarju għall-art forestali ġestita għandu jqis il-monitoraġġ u l-valutazzjoni perjodika tal-bijodiversità karatteristika li hija speċifika għar-rwol li jaqdu l-foresti fis-sistema ta' dak l-Istat Membru għall-protezzjoni tar-riżorsi naturali. Kwalunkwe azzjoni li taffettwa t-tkabbir tar-riżorsi forestali, u li tikkawża diverġenza 'favorevoli' minn dak il-mudell, hija azzjoni antropoġenika addizzjonali li trid titqies skont il-metodu kontabilistiku propost.

Hemm ħtieġa reali li tinbidel il-metodoloġija tal-arranġamenti għal-livell referenzjarju propost fl-abbozz ta' Regolament. Ma jrid ikun hemm ebda bidla fl-approċċ li tiddevja mill-fehma li preċedentement qatt ma ġiet ikkontestata u tirriżulta f'riżorsi forestali li qed jikbru f'pajjiż partikolari li jitqiesu, minħabba restrizzjonijiet artifiċjali, bħala sors ta' emissjoni aktar milli bir naturali għall-finijiet tas-sistema kontabilistika.

Aħna nipproponu li l-livell referenzjarju għall-art forestali ġestita għandu jieħu kont tal-effett tal-bidliet assoċjati mad-dinamika naturali u mal-istruttura tal-klassi tal-età. Huwa importanti li l-Istati Membri ma jiġux penalizzati għal ġestjoni sostenibbli tal-foresti li hija mfassla biex iżżid ir-riżorsi tal-foresti u li titwettaq skont il-prattiki stabbiliti u f'konformità mal-leġislazzjoni nazzjonali.

Aħna naqblu mal-Kummissjoni li struttura tal-età tal-foresti mhux bilanċjata (fejn qed jikber il-proporzjon tal-klassijiet tal-età aktar anzjani) tista' twassal għal tnaqqis fit-tul tar-rwol tal-foresti bħala bjar ta' karbonju.

Minkejja t-tentattivi tal-Kummissjoni biex tassigura lill-Istati Membri li l-approċċ għal-livell referenzjarju għall-art forestali ġestita m'għandux jaffettwa wisq ir-restrizzjonijiet futuri fuq l-intensità tal-ġestjoni tal-foresti, il-possibbiltà li jiġu stabbiliti restrizzjonijiet fil-leġislazzjoni proposta tista' tmur kontra l-ispirtu tal-Ftehim ta' Pariġi, li huwa mfassal biex imantni jew itejjeb ir-rwol tal-foresti bħala bjar fit-tul.

Ta' min jinnota li skont perspettiva li tifhem kif joperaw il-foresti, u kif jintużaw dawk il-foresti għall-iżvilupp ekonomiku, il-livell referenzjarju propost attwalment mhuwiex tajjeb. Il-kunċett tagħna biex tiġi inkorporata l-forestrija fil-politika dwar il-klima jinvolvi aktar produttività tal-foresti, jiġifieri produzzjoni aktar ta' injam. Dan l-approċċ jaqdi lis-soċjetà, iżda jfisser ukoll li l-foresti jkollhom rwol akbar fil-protezzjoni u l-formazzjoni tal-bijodiversità u effett aħjar fuq il-kwalità tal-ilma u r-riġenerazzjoni tal-ħamrija. Din id-dikjarazzjoni saret bil-ħsieb li tiġbed l-attenzjoni għal dawn il-kwistjonijiet u tħeġġeġ li t-talbiet tagħna jitqiesu."

**IL-FINLANDJA**

"Il-Finlandja hija impenjata bis-sħiħ għall-aġenda tal-klima globali, inkluż il-Ftehim ta' Pariġi u l-pakkett ambizzjuż tal-UE dwar il-klima u l-enerġija. Il-mira fit-tul tal-Finlandja hija ta' soċjetà newtrali fil-karbonju bbażata fuq sorsi ta' enerġija rinnovabbli u li tissostitwixxi materjali fossili b'materjali b'bażi bijoloġika prodotti b'mod sostenibbli. Il-Finlandja ddeċidiet li żżid is-sehem tal-enerġija rinnovabbli fil-konsum tal-enerġija finali għal aktar minn 50 %, tneħħi gradwalment l-użu tal-faħam fil-produzzjoni tal-enerġija u tnaqqas bin-nofs l-użu taż-żejt fossili sal-2030. L-għan tagħna huwa li nkunu newtrali fil-karbonju sal-2045.

Il-Finlandja tenfasizza li l-eżitu tal-Kunsill Ambjent tat-13 ta' Ottubru 2017 iwassal għal riskju sinifikanti li r-regoli tal-kontabilità ma jirriflettux ir-realtà. L-eżitu ma jinċentivax il-ġestjoni sostenibbli tal-foresti, ma jinkoraġġixxix l-użu ta' prodotti tal-foresti sostenibbli u fit-tul, jew it-trasformazzjoni għal ekonomija b'bażi bijoloġika. Il-kumpens previst fir-regolament huwa mod pożittiv 'il quddiem, iżda l-kwantità miftiehma għall-Finlandja mhijiex biżżejjed biex tindirizza d-debiti kkawżati mir-regoli tal-kontabilità.

Fil-Finlandja, is-settur LULUCF u b'mod partikolari l-foresti huma u jibqgħu reċipjenti netti sinifikanti. Iżda minħabba r-regoli tal-kontabilità, il-foresti jitqiesu sors ta' emissjonijiet, u l-mira effettiva ta' tnaqqis tal-emissjonijiet għall-Finlandja tkun ħafna aktar minn 40 %. Dan ma jkunx f'konformità mal-Konklużjonijiet tal-Kunsill Ewropew ta' Ottubru 2014."

**IL-KUMMISSJONI EWROPEA**

"Wara talba ta' diversi Stati Membri, il-Kummissjoni tixtieq tiċċara l-fehim tagħha dwar ir-regoli tal-kontabilità għall-art forestali ġestita stabbiliti fil-proposta tagħha għal regolament tal-LULUCF.

Il-Kummissjoni tfakkar li, fil-proposta tagħha għal regolament dwar il-LULUCF, l-assorbimenti u l-emissjonijiet fuq art forestali ġestita għandhom jiġu kontabilizzati kontra l-Livell ta' Referenza tal-Foresti.

Il-Kummissjoni ttenni li, f'konformità mal-proposta tagħha, il-Livell ta' Referenza tal-Foresti propost għandu jkun ibbażat fuq stima tal-bir ta' karbonju (carbon sink) futur f'foresta, magħmula bil-projezzjoni bil-quddiem tal-karatteristiċi tal-foresti reġistrati u tal-prattiki u l-intensità tal-ġestjoni forestali dokumentati b'mod storiku f'Perjodu ta' Referenza[1].

Il-Kummissjoni tenfasizza li l-Livell ta' Referenza tal-Foresti propost iqis bis-sħiħ l-impatt futur tal-karatteristiċi tal-foresti dinamiċi relatati mal-età, bħalma huma d-dijametru, l-ispeċijiet, it-tul ta' rotazzjoni, ir-rati ta' tkabbir storiċi, u ma jimpedixxix żieda fil-futur tal-ħsad. Dawn il-karatteristiċi jistgħu jiġġustifikaw f'każijiet dokumentati kif xieraq il-ħsad sat-tkabbir annwali tal-foresti. Żieda bħal din fil-ħsad hija kompatibbli mal-approċċ tal-Livell ta' Referenza tal-Foresti. Jenħtieġ għalhekk li għall-istabbiliment tal-Livell ta' Referenza tal-Foresti, jitqies it-tnaqqis assoċjat fl-assorbimenti, li huwa meħtieġ għal dan il-għan.

Struttura tal-etajiet mhux ekwilibrata tal-foresta (b'ħafna siġar xjuħ) tista' twassal għat-tnaqqis tal-bir fuq żmien twil. Il-Kummissjoni tassigura lill-Istati Membri li l-approċċ tal-Livell ta' Referenza tal-Foresti ma għandux għalhekk jillimita bla bżonn l-aġġustamenti futuri għall-intensità tal-ġestjoni forestali mmirati lejn iż-żamma jew it-tisħiħ tal-bir ta' karbonju fuq żmien twil, f'konformità mal-Ftehim ta' Pariġi."

---

1 Fid-dokument 12829/17 dan il-perijodu huwa 2000-2009.